MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 2374/2002/1

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurata taghha Caroline Morales sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Caroline Morales**

**vs**

**Anthony Charles Cutajar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf tlett mija u tlettax-il lira Maltin (Lm1313) rappresentanti danni u spejjez inkorsi mill-atturi in segwitu ghal incident awtomobilistku li sehh go Triq Heracles, B'Bugia fit-30 ta' Mejju 2000, bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni HAO856, misjuqa mill-intimat Anton Charles Cutajar u l-vettura numru ta' registrazzjoni BBA952 misjuqa minn Nicholas Morales u proprjeta ta' Caroline Morales, l-assikurata tas-socjeta attrici, liema incident gara unikament tort tal-imperizja,

negligenza u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat, u dana previa d-dikjarazzjoni li ghall-incident jahti unikament l-intimat .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ta’ Marzu 2002 u bl-imghax legali min-notifika ta’l-ittra ufficjali kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-10 ta’ Ottubru 2002, fejn huwa eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma infondati u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.
2. Kif jirrizulta anki mill-versjoni moghtija “a tempo vergine” kien is-sewwieq tal-vettura BBA952 li ikkaguna l-habta. Ma waqafx fuq l-i*stop sign*, baqa hiereg u dahal fil-konvenut li gja kien ghaddieh. Dana wara li ha l-prekawzjonijiet kollha, inkluz li waqaf fuq l-i*stop sign*.
3. Di fatti l-vettura tal-konvenut intlaqtet fuq ix-xellug fuq wara nett.

Sema' x-xhieda ta’ Dr.Edmond Zammit Laferla ghas-socjeta attrici, ta’ PS297 Teddie Baldacchino, Caroline Morales u Nicholas Morales, Michael Calleja u tal-konvenut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi z-zewg sewwieqa involuti f’din il-kollizzjoni kienu qed javvicinaw salib it-toroq u it-tnejn li huma kienu hergin minn fuq stop sign. (ghalkemm Morales jikkontendi illi l-istop sign minn fejn kien hiereg hu illum tnehhiet). Irrizulta ukoll illi l-vizwali ta’ Nicholas Morales kienet xi ftit ostakolata minhabba l-konfigurazzjoni tat-triq, kif ukoll illi l-konvenut kien niezel nizla qabel ma wasal ghal salib it-toroq.

Illi z-zewg sewwieqa jikkontendu illi huma waqqfu fuq l-i*stop sign* u esploraw it-triq qabel ma iddecidew jaqsmu l-istess. Madankollu l-incident xortwahda sehh ghalkemm it-tnejn jikkontendu li hadu l-prekawzzjonijiet soliti qabel ma iddecidew jaqsmu. Morales fil-fatt jikkontendi illi huwa kien beda jisporgi ftit ftit ‘il barra meta f’daqqa wahda sab il-vettura l-ohra fuqu. Huwa jikkontendi illi qabel l-impatt huwa ma rax din il-vettura x’aktarx minhabba l-fatt li din kienet gejja bi *speed* eccessiv. Dana huwa korroborat mix-xhud tieghu Michael Calleja. Din madanakollu hija konkluzjoni raggunta minn Morales u ma hemmx prova konkreta illi fil-fatt l-konvenut kien qieghed isuq b’velocita qawwija tant illi huwa jichad dan u ighid illi l-vann tieghu kien mghobbi u ghalhekk ma setax isuq hafna. Min-naha tieghu l-konvenut jallega illi kien Morales li baqa’ hiereg, tant illi huwa lahaq qabbzu u l-impatt sehh man-naha ta’ wara tal-vettura tieghu.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi fejn iz-zewg sewwieqa qeghin jikkontendu li hadu l-prekawzzjonijiet kollha necessarji, huwa difficli li wiehed jistabilixxi b’certezza x’kienet il-kawza prossima ta’ dana l-incident stradali. Ghalhekk wiehed ikollu jistrieh fuq dak dettat fir-regolamenti tat-Traffiku u cioe’ illi ir-*right of way* f’salib it-toroq tispetta dejjem lil dik il-vettura  li tkun fuq ix-xellug ta’l-ohra.

F’sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Onor.Imhallef Raymond Pace)  deciza fis-16 ta’ Jannar 2002 fl-ismijiet John Bonnici noe vs Alfred Montebello gie ritenut:
“jinkombi indistintament lil kull sewwieq li jkun qed jersaq lejn inkrocju format minn zewg toroq ta’l-istess importanza li jipprocedi bil-mod ferm u ma jittraversax dan l-inkrocju qabel ma jaccerta ruhu bl-ikbar cirkospezzjoni li l-ebda vettura ohra ma tkun riesqa hija ukoll lejn l-istess inkrocju sia fuq il-lemin u iktar fuq ix-xellug tieghu minhabba l-prcedenza fir-Reg.68 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur. Infatti sakemm ma jasalx fl-inkrocju u ma jesplorax diligentement, ebda sewwieq li jkun bi hsiebu jittraversa ma jista’ jkun jaf minn liema naha u taht liema cirkostanzi tista’ titfaccalu vettura ohra u kwindi tispettax lilu jew le d-dritta. …. Il-gurisprudenza tattribwixxi grad ta’

responsabbilita' ikbar u cioe' ta' zewg terzi lit-traffiku li jkun gej mil-lemin u grad ta' terz lil min ikun gej minn fuq ix-xellug."

Illi ghalhekk abbazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet it-Tribunal qieghed jaqsam il-grad ta' responsabbilta' ghal dan l-incident stradali, in kwantu ghal zewg terzi fuq il-konvenut u terz fuq Nicholas Morales.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghal incident stradali mertu tal-kawza fi grad ta' zewg terzi, u lill-attur fi grad ta' terz u kwindi ighaddi sabiex jilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut in parte, jilqa' t-talba attrici ukoll in parte u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u hamsa u sebghin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu. (Lm875.34) bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u terz mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------